**Għażiża Josette**

Tnikkitt meta smajt bl-aħbar ta' mewtek
Għajnejja demmgħu biżibilju dmugħ,
Int kont għal ħafna xempju mill-isbaħ
Ta' mħabba li ma tintemmx, dik tar-ruħ.

Fil-kwiet u s-sikta ta' din kamarti
Qalbi ma tieqafx tibkik w issemmik,
L-għaliex bil-ħlewwa kbira li kellek
Missejt bosta qlub maqsuma, nibkik.

Imma anki jekk issa int qiegħdha
Mal-Mulej fis-saltna tas-sliem w l-hena,
L-eżempju tiegħek kemm ikellimna
Biex ngħixu l-imħabba li tistenna.

Għax hi biss tibqa' magħna f'mixjietna
Fejn kollox ikun intemm hemm ħesrem,
Mela ejja nieħdu ħsieb xulxin ħuti
B'hekk nwarrbu l-ħażen li l-moħħ iberren.

Ħajr lilek Josette mara hekk umli
Li kull darba li żortok tajtni s-sliem,
It-tbissima ħelwa tiegħek barka
Li minnha ħarġet hena mingħajr tmiem.

Ħa jilqgħuk il-qaddisin fis-sema
U jieħduk fil-Belt ta' Ġerusalemm,
Għax int li tant ħabbejt kemm jixraqlek
Li ismek ikun duwa waqt il-hemm.

Fis-sebħ ta' dejjem ma' San Ġorġ martri
Itlob għalina filwaqt li nberkuk,
Għażiża Josette, ġawhra ta' mħabba
Nibqgħu fiż-żminijiet kollha nħobbuk.

Patri Mario Attard OFM Cap
4 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.